13 ta' Frar, 1956

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President;*
Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.
Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

Dr. Edgar Buhagiar ne. *versus* Nutar Dr. John Micallef Trigona

**Qorti ta' Reviżjoni tal-Attijiet Notarili — Nutar — Taxxa tas-Suċċessjoni — Art. 28 tal-Kap. 70 — Art. 144 tal-Kap. 92**

*Il-komminazzjoni tal-penali preskritta mil-liġi kontra n-nutar illi, meta jgħaddi għall-publikazzjoni ta' att ta' trasferiment ta' immobili jew ta' drittijiet annessi jew relattivi għal immobili, jonqos milli jsemmi fil-kuntratt id-data meta saret lill-Kollettur tat-Taxxi Interni d-denunzja preskritta mill-liġi u d-data meta tħallset it-taxxa, jew meta ttieħed l-obligu tal-ħlas ta' dik it-taxxa, jew, meta t-trasferiment ma jkunx imponibbli, jonqos milli jsemmi fl-att din iċ-ċirkustanza u r-raġuni tagħha, hija ta' attribuzzjoni tal-Qorti ta' Reviżjoni ta' l-Attijiet Notarili "ex officio"; u għalhekk hu ta' kompetenza ta' dik il-Qorti li tieħu konjizzjoni ta' dak in-nuqqas u tippronunzja ruħha fuqu. Salv lill-Attorney General, jew lin-nutar jew arkivista li għalieħ tirriferixxi dik id-deċiżjoni, id-dritt li jappella minnha fit-terminu u bil-proċedura preskritti mill-liġi.*

*Imma l-obligu tan-nutar, meta t-trasferiment mhux imponibbli, hu dak li jagħti r-raġuni għaliex it-trasferiment mhux imponibbli;*

*u ma jistax jingħad li hu ma ottemperax għal dak l-obligu, u ma tax raġuni tajba, meta eskluda dik l-impossibbilità fuq il-motiv li l-beni trasferiti ġew lill-persuna li ttrasferiethom b'wirt minn persuni li mietu qabel is-sena 1918. Għax il-liġi ma timponix illi r-raġuni li għandu jagħti n-nutar għandha tkun korredata bid-data tal-mewt tal-persuni li minn għandhom ikunu ppervenew il-beni trasferiti. L-iskop tal-liġi hu l-ħarsien ta' l-erarju pub-liku mill-evażjoni tat-taxxa, u dak l-iskop hu raġġunt meta fl-att tiġi mogħtija raġuni valida għall-eżenzjoni; salv kwalunkwe rimedju skond il-liġi għall-verifika ta' l-eżattezza u tal-veraċità ta' l-istess raġuni dikjarata fuq l-att minn nutar.*

Il-Qorti—Rat ir-rikors tal-Attorney General li, wara li espona illi b'deċiżjoni tal-31 ta' Mejju, 1955, kommunikata lill-esponenti fit-3 ta' Ġunju 1955 (Dok. A u B), il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Attijiet tan-Nutari bħala Qorti Kolleġjali, wara li rat id-digriet tas-17 ta' Mejju 1955 mogħti wara l-viżita tal-attijiet li n-Nutar Dr. John Micallef Trigona rċieva matul l-ewwel sitt xhur (għal dak li jirrigwarda l-atti "inter vivos") u matul is-sena kollha (għal dak li jirrigwarda t-testmenti) tas-sena 1950, b'liema digriet tas-17 ta' Mejju 1955 in-nutar fuq imsemmi ġie rimess quddiem dik il-Qorti Kolleġjali talli, kuntrarjament għad-dispost tal-art. 28 (2) tal-Ordinanza dwar it-Taxxa tas-Suċċessjoni u Donazzjoni (Kap. 70), ir-raġuni mogħtija minn-nutar li għaliha l-atti segwenti ma humiex suġġetti għat-taxxa kontemplata fil-Kap. 70 mhix suffiċjenti; ċjoè (a) fl att nru. 53, paġina 295, billi ma ndikax id-data tal-mewt ta' Nicola Zammit; (b) fl-att numru 83, paġ. 445, billi ma ndikax id-data tal-mewt ta' Giuseppe Cutajar; (c) fl-att nru. 112, paġ. 591, billi ma ndikax id-data tal-mewt ta' Emmanuele Azzopardi; (d) fl-att numru 113, paġni 600 u 601, billi ma ndikax id-data tal-mewt ta' Emmanuele Azzopardi; (e) fl-att numru 143, paġ. 772, billi ma ndikax id-data tal-mewt ta' Giuseppe Magri; iddikjarat illi jirriżultaw għak-kariku tan-Nutar il-kontrav-venzjonijiet fuq indikati, però rriteniet illi dawk elenkati taħt l-ittri (a) (b) (c) u (d) huma preskritti skond l-art. 144 tal-Att dwar il-Professjoni Notarili u Arkivji Notarili (Kap. 92), billi għaddew iżjed minn ħames snin mill-kommissjoni tagħhom, u għalhekk illiberat lin-nutar fuq imsemmi għar-

rigward ta' dawk l-erbgħa kontravvenzjonijiet; u għarrigward tal-kontravvenzjoni ndikata taħt l-ittra (e) kkundannatu għall-penali ta' £1, skond id-dispost tal-art. 28 tal-Ordinanza dwar it-Taxxa tas-Suċċessjoni u Donazzjoni (Kap. 70);

Illi huwa jħoss ruħu aggravat minn dik id-deċiżjoni tal-31 ta' Mejju, 1955, u għalhekk qiegħed b'dan ir-rikors jinterponi appell minnha;

Illi l-aggravju huwa manifest. Difatti, il-Qorti Kolleġjali fuq imsemmija, wara li kkonstatat illi n-nutar fuq imsemmi kien ikkommetta l-ħames nuqqasijiet kollha diġà elenkati, illiberatu mill-ewwel erbgħa għax irriteniet illi dawk l-erbgħa nuqqasijiet huma preskritti skond id-dispost tal-art. 144 tal-Att dwar il-Professjoni Notarili u l-Arkivji Notarili (Kap. 92). Issa, dak l-artikolu espressament jgħid illi l-preskrizzjoni hemm kontemplata taffettwa biss il-kontravvenzjonijiet kontemplati f'dak l-Att. In-nuqqasijiet kommessi minn nutar fil-każ preżenti huma kontemplati fl-art. 28 tal-Ordinanza dwar it-Taxxa tas-Suċċessjoni u Donazzjoni (kap. 70); u għalhekk hu ċar li dik il-preskrizzjoni ma tapplikax għan-nuqqasijiet in kwistjoni, imma tapplika, skond il-prinċipji ġenerali, il-preskrizzjoni trentennali; barra minn dan, il-preskrizzjoni ma tistax dejjem, skond il-prinċipji ġenerali, tiġi sollevata "ex officio", kif f'dan il-każ jirriżulta li ġiet sollevata;

Talab li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tirriforma d-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tar-Reviżjoni tal-Attijiet tan-Nutari bħala Qorti Kolleġjali fil-31 ta' Mejju, 1955, wara l-viżita tal-Attijiet li n-Nutar Dr. John Micallef Trigona rċieva matul l-ewwel sitt xhur (għal dak li jirrigwarda l-atti "inter vivos") u matul is-sena kollha (għal dak li jirrigwarda t-testmenti), tas-sena 1950, billi tikkonferma istess deċiżjoni fil-parti fejn dik il-Qorti Kolleġjali sabet lill-imsemmi nutar ħati tan-nuqqas fuq imsemmi rigwardanti l-att numru 143, u kkundannatu għall-penali ta' £1, u fejn dik il-Qorti kkonstatat għak-kariku ta' l-istess nutar l-erbgħa nuqqasijiet l-oħra, u billi tirrevoka l-istess deċiżjoni fil-parti fejn dik il-Qorti Kolleġjali irriteniet illi dawk l-erbgħa nuqqasijiet huma preskritti u lliberat lin-nutar fuq

imsemmi għar-rigward tagħhom; u hekk tiddikjara illi ebda waħda minn dawk l-erbgħa nuqqasijiet ma hi preskritta, u għalhekk tikkundanna lill-istess nutar għall-penali ta' minn £1 sa £5 għal kull nuqqas, skond id-dispost tal-art. 28 tal-Ordinanza tat-Taxxa tas-Suċċessjoni u Donazzjoni (Kap 70), oltre l-penali ta' £1 ġa minn dik il-Qorti nflitta kif intqal;

Illi skond l-art. 28 tal-Ordinanza nru. XVIII tal-1918 (Kap. 70 Ediz. Riv.), hu dmir tan-nutar li ma jgħaddix għall-publikazzjoni ta' attijiet ta' qsim, bejgħ, jew assenjazzjonijiet oħra, ta' immobili jew ta' drittijiet annessi jew relattivi għall-immobili, qabel ma jivverifika minn għand il-Kollettur tat-Taxxi jekk dawk il-beni jew drittijiet humiex suġġetti għat-taxxi taħt dik l-Ordinanza minħabba li jkunu ġew għand il-kondividenti jew għand is-sid, jew għand dak li jkun sejjer jassenjahom, bi trasferiment taxxabbli taħt id-dispożizzjonijiet tal-istess Ordinanza, jekk saretx id-denunzja ta' dawk il-beni jew drittijiet, u jekk tħallsetx it-taxxa *fuq dawk il-beni jew drittijiet, jew jekk ittieħedtx* l-obligu għall-ħlas. L-istess dispożizzjoni tal-liġi tkompli tgħid li n-nutar għandu jsemmi fil-kuntratt id-data li fiha saret id-denunzja u tħallset it-taxxa, jew li fiha ttieħed l-obligu tal-ħlas tagħha; iżda jekk il-beni jew drittijiet fuq imsemmijin ma jkunux suġġetti għat-taxxa, in-nutar għandu jsemmi fl-att din iċ-ċirkustanza u jagħti r-raġuni tagħha. Jekk jonqos li jagħmel dan, in-nutar jeħel penali ta' minn £1 sa £5, li tiġi mogħtija mill-Qorti tar-Reviżjoni tal-Attijiet tan-Nutari "ex officio", u għall-ħlas tat-taxxa dovuta, jekk ikollha titħallas, kif tiġi likwidata mill-Kollettur; mingħajr preġudizzju, għal dak li hu ħlas ta' din it-taxxa, tad-dritt tar-regress *tan-nutar kontra dak li jkun* imissu jħallasha skond il-liġi;

In bażi għall-imsemmija dispożizzjoni tal-liġi, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti tan-Nutari, bis-sentenza mpunjata rriteniet li l-atti li dwarhom sar dan l-appell ma hemmx fihom ir-raġuni, rikjesta mill-liġi, għala mhumiex suġġetti għat-taxxa kontemplata *fl-Ordinanza fuq indikata*, billi r-raġuni kontenuta f'dawk l-atti mhix suffiċjenti; iżda llibrat lin-nutar, skond id-dispożizzjoni tal-art. 144 tal-Kap. 92, billi rriteniet preskritti l-kontravenzjonijiet minnu kom-

messi, għaliex għaddew iżjed minn ħames snin mill-kommissjoni tagħhom;

Ikkunsidrat;

Illi l-Attorney General appella mill-imsemmija deċiżjoni tal-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti tan-Nutari, u ssottometta illi l-art. 144 tal-Kap. 92 mhux applikabbli għan-nuqqasijiet dikjarati preskritti b'dik is-sentenza; u barra minn dan, il-preskrizzjoni, skond il-prinċipji ġenerali, ma setgħetx tiġi sollevata "ex officio", kif ġara fil-każ in kwistjoni. Kontra dan l-appell tal-Attorney General l-appellat Nutar Micallef Trigona oppona:- (a) Li skond l-Ord. XVIII tal-1918 (Kap. 70), ma hemmx appell mid-deċiżjoni tal-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti tan-Nutari in bażi għall-art. 28 (2) tal-istess Ordinanza; (b) li fi kwalunkwe każ, il-kontravvenzjonijiet huma preskritti; (c) u illi, fil-meritu, huwa ma kienx obligat jindika fil-kuntratt id-data tal-mewt tal-persuni msemmijin fir-rikors tal-appell, u hu osserva d-dispost tal-art. 28 (2) tal-Kap. 70;

Ikkunsidrat;

Illi, skond l-art. 28 fuq riportat, il-komminazzjoni tal-penali kontemplata fl-inċiż (3) għan-nuqqasijiet imsemmijin fl-inċiż (2) hija attribwita lill-Qorti tar-Reviżjoni tal-Attijiet tan-Nutari "ex officio". Huwa dover ta' dik il-Qorti li teżamina jekk in-Nutar, l-Arkivista u d-Direttur tar-Reġistru Publiku, ottemperawx għall-obligu tagħhom skond l-Att nru. XI tal-1927 (Kap. 92), u skond liġijiet oħra; u f'każ ta' kontravvenzjoni tagħti l-piena u kull provvediment ieħor meħtieġ skond il-liġi (art. 126(1) Kap. 92). Fi żmien xahar mid-data ta' kull deċiżjoni, digriet jew ordni, mogħtijin mill-imsemmija Qorti tar-Reviżjoni, u kull applikazzjoni ta' piena dixxiplinari, għandhom jiġu mir-Reġistratur notifikati, b'kopja tagħhom, lill-Attorney General, u lill-arkivista jew nutar li jkollu interess. F'kull każ, l-Attorney General jista', fi żmien tletin ġurnata minn notifika ta' dik il-kopja, b'rikors quddiem il-Qorti tal-Appell, jappella mill-imsemmija deċiżjonijiet, digrieti jew ordnijiet, kif ukoll minn kundanni għal pieni dixxiplinari mogħtijin mill-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti tan-Nutari; u l-istess dritt ta' appell jikkompeti lin-nutar jew lill-arkivista li għalieħ tkun tirri-

ferixxi dik id-deċiżjoni, digriet jew ordni (art. 113 u 114 Kap. 92);

Jinsab għalhekk assodat, mid-dispożizzjonijiet tal-liġi fuq ċitati, (a) li hija ta' kompetenza tal-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti tan-Nutari li tieħu konjizzjoni tan-nuqqasijiet kontemplati fl-art. 28 (a) tal-Kap. 70 u li tippronunzja ruħha fuqhom; (b) u li fuq din il-pronunzja l-Attorney General għandu dritt jappella minnha fi żmien tletin ġurnata minn notifika li tkun saritlu, b'rikors quddiem din il-Qorti. Konsegwentement, l-ewwel eċċezzjoni ta' l-appellat Nutar Micallef Trigona, fis-sens li ma jikkompetix lill-Attorney General dak l-appell, hija bla fondament, u għandha tiġi respinta;

Ikkunsidrat;

Illi n-nuqqasijiet attribwiti lill-appellat Nutar Micallef Trigona, u li dwarhom hawn dan l-appell, huma li huwa naqas, fl-erbgħa kuntratti msemmijin fir-rikors (fol. 12-15), li jottempera ruħu mad-dispost ta' l-art. 28 (2) tal-Kap. 70, billi r-raġuni minnu mogħtija biex juri li t-trasferimenti li saru b'dawk l-attijiet mhumiex suġġetti għat-taxxa kontemplata fl-imsemmi Kap. 70 mhix suffiċjenti; billi fl-ewwel att ma ġietx indikata d-data tal-mewt ta' Nicola Zammit, fit-tieni att dik tal-mewt ta' Giuseppa Cutajar, fit-tielet att dik tal-mewt ta' Emmanuele Azzopardi, u fir-raba' att dik tal-mewt ta' l-istess Emmanuele Azzopardi. Kif jidher mill-imsemmijin attijiet (fol. 12-15), il-beni bl-istess mibjugħin ippervenew lill-vendituri mill-persuni fuq nominati, jew minħabba l-mewt tagħhom, u n-nutar f'kull att iddikjara illi t-trasferiment magħmul ma kienx imponibbli għall-fini u skond it-termini tal-liġi dwar it-taxxa tas-suċċessjoni u tad-donazzjoni (Kap. 70), billi kull waħda minn dawk il-persuni kienet mietet qabel is-sena 1918;

Ikkunsidrat;

Illi l-art. 28 (2) tal-Kap. 70 jgħid hekk:— "In-nutar għandu jsemmi fil-kuntratt id-data li fiha saret id-denunzja u tħallset it-taxxa, jew li fiha ttieħed l-obligu tal-ħlas tagħha; iżda jekk il-beni jew jeddijiet hawn fuq imsemmi-

jin ma jkunux suġġetti għat-taxxa, in-nutar għandu jsemmi fl-att dina ċ-ċirkustanza, u jagħti r-raġuni tagħha";

L-Ordinanza Nru. XVIII ta' l-1918 (Kap. 70) ġiet promulgata fil-25 ta' Settembru 1918, bla ħsara tal-effett retroattiv tat-taxxi mill-ewwel ta' Jannar ta' l-istess sena (ara Proklama Nru. XVII tal-25 ta' Settembru 1918); u t-taxxi mposti b'dik l-Ordinanza jirriferixxu għal kull trasferiment ta' proprjetà, ta' użufrutt, użu jew dgawdija ta' beni, mobili jew immobili, jew ta' kull dritt ieħor, reali jew personali, sew jekk jiġru mħabba l-mewt, sew jekk jiġu magħmula b'titolu gratuwitu b'att "inter vivos" (art. 3). Dawk it-taxxi, għalhekk, japplikaw għal kull trasferiment ta' proprjetà, ta' użufrutt, użu jew dgawdija ta' beni jew ta' kull dritt ieħor minħabba mewt jew donazzjoni, li ġraw jew saru mill-ewwel ta' Jannar 1918 l-hawn, u mhux għal dawk li saru qabel, li rigward tagħhom dawk it-taxxi ma japplikawx. L-appellat Nutar Micallef Trigona, fl-erba' attijiet fuq indikati, wara li f'kull wieħed minnhom iddikjara l-provenjenza tal-fond li kien qiegħed jiġi trasferit, kompla jiddikjara li dak it-trasferiment ma kienx imponibbli skond l-imsemmija Ordinanza, għax il-persuni li minn għandhom il-vendituri wirtu dawk il-beni, jew kienu l-immedjati vokati tagħhom fil-fedekommess fl-att indikat, mietu qabel is-sena 1918. Din ir-raġuni mogħtija minn nutar hija valida u konformi għall-liġi, kif fuq riportata;

Skond il-liġi, l-obligu tan-nutar huwa li jagħti r-raġuni għaliex it-trasferiment mhux imponibbli taħt l-imsemmija Ordinanza Nru. XVIII ta' l-1918; u ma jistax jingħad li huwa ma ottemperax għal dak l-obligu, u ma tax raġuni tajba, meta eskluda dik l-imponibbilità għaliex il-beni trasferiti ġew lill-vendituri b'wirt minn persuni li mietu qabel is-sena 1918, jew bħala immedjati vokati f'fedekommess wara l-vokat ta' qabel, li miet qabel is-sena 1918. Il-liġi ma timponix illi r-raġuni li għandu jagħti n-nutar għandha tkun korredata bid-data tal-mewt tal-persuni li minn għandhom ikunu pppervenew il-beni. Kieku riedet hekk, ma kienetx tonqos li tgħidu espressament, bħal ma għamlet fl-istess artikolu 28 (a), fejn imponiet lin-nutar li jsemmi fil-kuntratt id-data li fiha saret id-denunzja u tħallset it-

taxxa, jew li fiha ttieħed l-obligu tal-ħlas tagħha. L-iskop tal-liġi huwa l-ħarsien ta' l-erarju publiku mill-evażjoni tat-taxxa, u dak l-iskop huwa raġġunt meta fl-att tiġi mogħtija raġuni valida għall-eżenzjoni; salv kwalunkwe rimedju, skond l-imsemmija Ordinanza jew kwalunkwe liġi oħra, għall-verifika ta' l-eżattezza u tal-veraċità ta' l-istess raġuni dikjarata fuq l-att minn nutar;

Kif dina l-Qorti kellha okkażjoni tafferma, fis-sentenza ta' l-14 ta' Diċembru 1949 in re "Professur Mamo ne. vs. Nutar Giovanni Caruana" (Vol. XXXIII—I—549), "biex jiġi soddisfatt il-vot tal-liġi hemm bżonn li dik id-dikjarazzjoni, bir-raġuni li għandha takkompanjaha, tkun magħmula b'mod li jirriżultaw il-partikularitajiet meħtieġa biex in bażi tagħhom tkun tista' ssir il-verifika tal-korrettezza tagħha". F'dak il-każ il-Qorti rriteniet li n-Nutar Giovanni Caruana ma kienx ottempera għall-vot tal-liġi, għaliex id-dikjarazzjoni kienet tgħid sempliċement li l-venditur kien xtara l-fond "xi" 38 sena qabel, mingħajr ma ssemma fl-attijiet ta' liema nutar, u mingħajr ma ġiet indikata sewwa, b'isimha u b'kunjomha, il-persuna li minn għandha kien xtara. Taħt dawk iċ-ċirkustanzi kienu jonqsu l-partikularitajiet neċessarji biex fuqhom tkun tista' ssir il-verifika tal-korrettezza tad-dikjarazzjoni minn nutar magħmula. Iżda fil-każ in eżami jinsab indikat l-isem tal-persuni li minn għandhom il-vendituri wirtu l-beni trasferiti, jew daħlu f'lokhom fil-fedekommess; dawk il-persuni huma l-ġenituri jew aħwa tal-vendituri, u għalhekk huma faċilment rintraċċjabbli biex tiġi verifikata d-data tal-mewt tagħhom, li skond id-dikjarazzjoni ta' l-appellat ġrat qabel is-sena 1918. Ma jistax, għalhekk, jingħad li dik id-dikjarazzjoni ma tikkontjenix il-partikularitajiet neċessarji u suffiċjenti biex issir il-verifika tal-korrettezza tagħha;

Ikkunsidrat;

Illi la darba din il-Qorti tirritjeni li l-appellat Nutar Micallef Trigona ma kiserx il-liġi, billi r-raġuni minnu mogħtija fl-attijiet fuq imsemmijin hija suffiċjenti skond l-obligu lilu mpost bl-imsemmi art. 28(2) ta' l-Ord. XVIII ta' l-1918 (Kap. 70), ma hemmx lok li tidħol biex teżamina l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-appellat fir-

risposta tiegħu (fol 16); u anqas li tesprimi ruħha jekk għall-kontravvenzjonijiet kontra l-imsemmija Ordinanza tal-1918 hix applikabbli dik ta' ħames snin kontemplata fl-art. 141 tal-Kap. 92 jew kwalunkwe oħra skond il-liġi;

Għar-raġunijiet fuq miġjuba, u mhux għal dawk premessi fis-sentenza appellata, mogħtija mill-Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Atti tan-Naturi fil-31 ta' Mejju, 1955;

Prevju riġett ta' l-eċċezzjoni ta' l-inappellabbilità opposta min-Nutar Micallef Trigona, bl-ispejjeż kontra tiegħu;

*Tirrespinġi* fil-kapi devoluti lil dina l-Qorti l-appell tal-Attorney General, u tikkonferma f'dawk il-kapi s-sentenza appellata, in kwantu lliberat lill-imsemmi Nutar Micallef Trigona; bl-ispejjeż kontra l-istess Attorney General.